Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta’ Frar 2001.

Avviz Nru: 1459/00

Dingli Co. International Ltd bhala mandatrici tas-socjeta’ estera ta’ The Performing Right Society Limited ta’ Londra

Vs

St.Andrews Hotels Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma globali ta’ sitt mija u tmienja u sebghin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmi (Lm678.76) liema ammont huwa maghmul in kwantu ghal erbgha mija u hmistax -il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm415.50c) dovut bil-quddiem bhala `Royalty’, minn Ottubru 1999 sa Ottubru 2000 flimkien ma’ tnejn u sittin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm62.33) rapprezentanti bhala `Taxxa fuq il-Valur Mizjud’ dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Nru 010989/Ottubru (Dok `A’), kif ukoll mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm174.72) dovuti bil-quddiem bhala `Royalty’ minn Frar 2000 sa Frar 2001 flimkien ma’ sitta u ghoxrin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm26.21c) rapprezentanti bhala `Taxxa fuq il-Valur Mizjud’ in konnessjoni ta’ Licenjza no. 8397/Frar (Dok `B’) liema licenzji gew rilaxxjati mis-Socjeta’ attrici nomine a favur tas-socjeta’ konvenuta rigwardanti l-istabbiliment The Halland Complex, ta’ l-Ibragg, St. Andrews skond il-prospetti annessi immarkati bhala Dok `C’ u Dok `D’.

Is-Socjeta' attrici nomine qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-31 ta' Dicembru, 1999, tat-30 ta' Gunju 2000, u l-ittra ufficjali tas-26 ta' April, 2000, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehrux fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti u rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni fejn is-sorte gie ridott ghas-somma ta' erba' mija u sebgha u sebghin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm477.83c) ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma komplessiva mitluba ta' erba' mija sebgha u sebghin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmi (Lm477.83c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Frar 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg